**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2021**

**Rikors nru: 37/2021 AGV ;**

**AB**

**U**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 28 ta' Jannar 2021, fejn esponew bir-rispett u ikkonfermaw;**

1. Illi l-partijiet zzewgu f' Malta nhar is- 7 ta Setembru 2013 gol-Knisja tan-Naxxar;
2. Illi minn daz-zwieg twieldet tifla bl-isem ta' DB lillum ghandha seba' snin;
3. Illi l-partijiet effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dr. Ian Castaldi Paris, fis- 26 ta' April 2016, kopja hawn annessa, u mmarkata Dok. A;

4. Illi sussegwenti ghal dal-kuntratt kien hemm emenda fil-kuntratt tas-seperazzjoni personali, tal-partijiet ippubblikat in atti tan-Nutar Dr. James Grech fid- 19 ta‘ Frar 2020 ( kopja hawn annessa, u mmarkata Dok. B);
5. Illi ebda manteniment mhux dovut lill-partijiet mill-imsemim kuntratt ta' separazzjoni stante dekandenza min-naha tal-partijiet b' mod reciproku;
6. Illi l-manteniment favur il-minuri D u l-access ghall-istess minuri huwa regolat bl-istess kuntratt tas-seperazzjoni u l-partijiet jaqblu li l-minuri tircievi manteniment adegwat, fil-hin u skont dak pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni, u ghalhekk il- kundizzjonijiet kollha li jirrigwardaw l-aspetti kollha tal-hajja tal-minuri ser jibqghu l-istess;
7. Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien 'l fuq minn 4 snin kif titlob il-ligi;
8. Illi in vista tas-suespost,il-partijiet ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta' jew perjodi li jammontaw ghal inqas minn 4 snin matul il-hames snin minnufih precedenti ghal ftuh ta' dal-proceduri. Il-partijiet jissodisfaw dak li jitlob l-Artikolu 66 B, tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-ligjiet ta' Malta.
9. Illi m' hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
10. Ili ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghal divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant, umilment il-partijiet jitolbu lil din Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronuznja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet iccelebarat fis- 7 ta' Settembru 2013, gewwa l-Knisja tan-Naxxar, mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti u finijiet kollha tal-Ligi;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imhohli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan taht kull provvediment iehor li dil-Qorti jidhirlha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez a karigu taz-zweg partijiet, f'sehem indaqs bejniethom.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |